MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2011

Rikors Numru. 559/2011

**HSBC Bank Malta plc**
**vs**
**Avv. Patrick Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Giovanni Buonanno tal-10 ta’ Gunju 2011;

Rat ir-risposta tal-HSBC Bank tal-21 ta’ Gunju 2011;

Semghet ix-xiehda prodotti fis-seduta tal-15 ta’ Lulju 2011;

Rat l-atti kollha, dokumenti u n-noti pprezentati skond il-verbal tal-15 ta’ Lulju 2011.

Il-vertenza hi wahda semplici. Ir-rikorrenti qed jitlob lil Qorti tirrevoka mandat ta’ zgumbrament fl-ismijiet premessi, almenu fejn jikkoncerna lilu billi hu ghandu titolu validu ta’ kera fuq il-fond mertu tal-izgumbrament cioe 12/13 Hookham Frere Street, G’Mangia.

Il-bank HSBC qed jikkontendi li l-iskritturi esebiti fihom diversi inkorrettezzi w inezattezzi, kif ukoll l-istat tal-fond hu tali illi din il-kirja ma fihiex mill-verita u hi intiza biex jigu evitati l-proceduri ta’ ezekuzzjoni li qed jittenta bank.

Il-Qorti semghet lix-xhieda tar-rikorrenti li jirrizulta prima facie illi ghandu skrittura ta’ kera favur tieghu moghti min Dr. Patrick Spiteri ghalkemm hu minnu li rrizultaw konflitt fil-provi dwar meta u kif sar il-hlas tal-kera, madankollu l-indagini ta’ din il-Qorti tista’ tasal biss sal-prova prima facie cioe jekk mid-daqqa ta’ ghajn jezistix jew le titolu favur ir-rikorrenti, kemm jekk dan hux rizolubbli jew le. L-artikolu 357 tal-Kap. 12 jintitola lil kreditu ezekutant li favur tieghu tkun giet aggudikata proprjeta (kif inhu dan il-kaz) sabiex jizgombra lid-debitur jew terz li qed jokkupa l-fond bla titolu u dan wara erba’ xhur mill-aggudikazzjoni.

Fl-udjenza tal-15 ta’ Lulju 2011 id-debitur Dr. Patrick Spiteri permezz tal-avukat tieghu ddikjara illi hu mhux jopponi l-izgumbrament tieghu personalment mill-fond.

Din il-Qorti wara li qieset il-provi, senjatament l-iskrittura ta’ kera, u d-dokumenti ta’ identita kemm Maltin u esteri tar-rikorrenti, li hu ta’ nazzjonalita Taljana, mnejn jirrizulta prima facie li ddikjara r-residenza tieghu bhala dik in kwistjoni, tqis illi prima facie wera t-titolu li trid il-ligi fl-artikolu 357 precitat.

Ghalhekk fic-cirkostanzi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tirrevoka l-mandat ta’ zgumbrament parzjalment fis-sens li tordna li r-rikorrenti ma hux kolpit bil-mandat ta’ zgumbrament numru 276/2011 filwaqt li zzommu ferm fil-konfront tal-intimat Dr. Patrick Spiteri, bla pregudizzju ghad-drittijiet tal-bank fil-konfront tar-rikorrenti *si et quatinus*. Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------